# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**Seduta tas-6 ta' April 2001**

**Citazzjoni numru 914/95 GC**

**Carmelo Calabretta**

**vs**

**Alex Grech**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta :-

Illi fis-7 ta' Frar 1995 filwaqt li huwa kien qed isuq gewwa Lascaris Wharf, Floriana, il-vettura numru ta' registrazzjoni TO U20144 u l-konvenut kien qed isuq il-vettura L-8376, grat kollizjoni bejn iz-zewg vetturi;

Illi din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza, traskuragni w inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Illi b'rizultat ta' din il-kollizjoni l-vettura ta' l-attur garrbet diversi hsarat li ghalihom ghandu jaghmel tajjeb il-konvenut;

Illi ghalkemm interpellat biex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. tiddikjarah unikament responsabbli tal-kollizjoni li grat fis-7 ta' Frar, 1995, f'Lascaris Wharf, Floriana, bejn il-vetturi fuq indikati;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat ta' dan l-incident;

3. tikkundana lill-konvenut ihallas dawk id-danni li jigu hekk likwidati;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi fl-ewwel lok, l-attur noe ma kienx qed isuq TO 1120144 kif allegat fic-citazzjoni u dikjarazzjoni, izda vettura ohra, cioe' TO U20144 u ghalhekk ic-citazzjoni hija nulla.

2. Bla pregudizzju ghas-suespost, id-domandi attrici ghandhom jigu respinti kontra l-istess attur, stante li l-konvenut ma kien bl-ebda mod negligenti ghall-incident stradali li sehh fis-7 ta' Frar 1995, Floriana, bejn TO U20144 misjuqa mill-attur u L-8376 misjuqa mill-konvenut billi dan kollu gara b'tort ta' l-attur li kien responsabbli ghall-istess incident;

3. Isegwi li m'hemm danni x'jigu likwidati kontra l-konvenut;

4. Isegwi li l-konvenut ma jista' qatt jigi kkundannat ihallas ebda danni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Novembru 2000 li bih giet awtorizzata korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens li n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura tal-attur fl-ewwel paragrafu ghandu jaqra TO U20144 u mhux TO 1120144;

Rat il-verbal tal-istess seduta tat-13 ta' Novembru 2000 minn fejn jirrizulta li in vista tal-imsemmija korrezzjoni fic-citazzjoni, l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 2000 minn fejn jirrizulta li l-konvenut iddikjara li mhux il-kaz li jigi konfermat l-ammont pretiz mill-attur ghal kiri ta' karozza, liema ammont qed jigi accettat mill-konvenut;

Rat il-verbal tal-access mizmum fit-28 ta' Marzu 2001;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-partijiet u x-xhieda prodotti mill-attur;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2001;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li fis-7 ta' Frar 1995 sehh incident stradali f'Lascaris Wharf, Floriana. Involuti f'dan l-incident kien hemm l-attur, li kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni barrani cioe' TO U20144, u l-konvenut, li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni L-8376. L-attur isostni li bhala kawza ta' din il-kollizjoni huwa sofra hsarat fl-imsemmija vettura tieghu, ghall-liema hsarat ghandu jigi ritenut responsabbli l-konvenut, li, skond l-attur, kien jahti ghall-istess kollizzjoni. Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li dan l-incident gara tort biss ta' l-attur;

Jirrizulta li l-attur kien gej minn naha tal-Belt u ried imur lejn Crucifix Hill. Il-konvenut kien gej minn naha tal-Marsa u ried jibqa sejjer lejn il-Belt. Il-kollizzjoni sehhet propju quddiem l-entratura principali tal-ufficini tal-Malta Maritime Authority.  L-attur jghid li f'hin minnhom huwa ra l-karozza misjuqa mill-konvenut hierga minn fuq in-naha tax-xellug tieghu, cioe min-naha ta' fejn hemm Pinto Wharf. Huwa jghid li ghalhekk waqqaf il-karozza tieghu kompletament pero' il-konvenut baqa gej ghal fuqu u laqtu fuq in-naha tax-xellug tal-karozza tieghu, fuq quddiem u fuq il-mudguard tax-xellug. L-attur ikkonferma li huwa xeghel l-indicator biex jindika li ried ibiddel id-direzzjoni tieghu sabiex imur lejn Crucifix Hill. Huwa kkalkola li kien xi ghaxar (10) metri il boghod mill-bankina fuq in-naha tal-lemin tieghu u ghalhekk huwa kien qieghed lejn nofs it-triq. L-attur ikkalkola li huwa kien xi ghoxrin (20) metru 'il boghod mill-bidu ta' Crucifix Hill;

Il-konvenut qal li, kif wasal vicin it-telgha tal-Krucifiss, naqas il-velocita' tieghu u hares sabiex jivverifika jekk kienx hemm xi traffiku nizel mill-istess Crucifix Hill. Ra li ma kienx gej traffiku u kompla sejjer u kif kien qed jaqbez il-bidu ta' l-imsemmija telgha huwa nduna li fil-boghod kien hemm il-karozza misjuqa mill-attur gejja mid-direzzjoni opposta. Il-konvenut qal li dak il-hin l-attur kien il-boghod minnu circa ghoxrin (20) metru. Huwa qal li f'hin minnhom il-karozza tal-attur giet ghal fuqu.  Huwa qal li bid-daqqa gie imbuttat lura. Huwa ma eskludiex li l-karozza tal-attur seta kella l-indicator mixghul. Il-konvenut qal li huwa kien xeghel l-indicator biex jindika lill ta' warajh li huwa kien ser jibqa sejjer dritt u ma kienx ser idur lejn Crucifix Hill. Huwa kkonferma li l-karozza misjuqa minnu garbet hsarat fuq quddiem min-nofs san-naha tal-lemin u fil-genb fuq il-mudguard ta' quddiem tal-lemin. Il-konvenut qal li kien ghaddej b'velocita' ta' bejn hamsa u ghoxrin sa tletin mil fis-siegha. Il-konvenut ikkonferma li d-daqqa kienet pjuttost kbira. Il-konvenut qal li fil-mument tal-habta, iz-zewg vetturi kienu mixjin;

Il-versjoni li joffri l-konvenut mhux ghal kollox verosimili. Dana l-izjed meta jghid li ra l-karozza misjuqa mill-attur meta din kienet ghada pjuttost il-boghod minnu u sussegwentement l-istess karozza misjuqa mill-attur f'daqqa wahda giet ghal fuqu. Il-konvenut stess jammetti li meta huwa resaq lejn it-telgha tal-Krucifiss huwa ma waqafx izda biss naqqas il-velocita' tieghhu. Jidher li l-konvenut kien aktar mohhu li jispezzjoni l-imsemmija telgha u ma tax kaz it-traffiku li seta' kien gej mid-direzzjoni opposta ghalih. Jidher li in effett il-konvenut baqa sejjer fid-dritt minghajr ma esercita l-prudenza li hi rikjesta da parti tas-sewwieqa gejjin minn-naha ta' Pinto Wharf meta jaslu ghal dak li jista jissejjejah l-inkrocju in kwestjoni. Inoltre l-velocita' li l-konvenut jghid li biha kien ghaddej, tidher li hi eccessiva ghac-cirkostanzi li kien jinsab fihom l-istess konvenut;

Il-lokalita' fejn gara dan l-incident hi wahda partikolari, minn fejn jghaddi hafna traffiku minn kull direzzjoni li twassal ghal fejn effettivament gara l-incident. Ikun hemm traffiku mhux hazin gej min-naha tal-Belt u hafna vetturi jibqghu sejrin biex jitielghu Crucifix Hill u hafna vetturi ohra jibqghu sejrin fid-direzzjoni ta' Pinto Wharf. Jirrizulta, u dana anke mill-verbal tal-access, li dawk il-vetturi, li jkunu sejrin lejn Crucifix Hill gejjin mid-direzzjoni tal-Belt, jibdew jiehdu l-posizzjoni taghhom fit-triq minn distanza relativament il-boghod mill-bidu tal-istess Crucifix Hilli. In effett jirrizulta li l-attur kien gia ha din il-posizzjoni u hu ghalhekk li kien ghaddej ghan-nofs it-triq. Difatti l-hsarat li jirrizulta li garbu l-vetturi jindikaw li kien il-konvenut li baqa diehel fil-vettura misjuqa mill-attur. Dan jirrizulta ukoll mill-iskizz esibit a fol.23. Dan kollu, ukoll, sostanzjalment jikkorrobora l-versjoni tal-attur. Ghar-rigward ta' din il-versjoni tal-attur jidher li din hi aktar verosimili. Jista jinghad ghar-rigward ta wiehed mill-partikolaritajiet ta' din il-versjoni li l-konvenut stess ma eskludiex li l-attur seta kellu l-indicator mixghul;

Fid-dawl ta dan kollu jirrizulta sufficjetement pruvat li l-konvenut ghandu jigi reitenut responsabbli ghall-kollizzjoni in kwestjoni u ghalhekk l-istess konvenut ghandu jigi kundannat ihallas id-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-istess incident. Mill-provi prodotti jirrizulta b'mod sufficjenti li dawn id-danni jammontaw ghas-somma komplessiva ta' elf mitejn u wiehed u tletin liri maltin u seba centezmi (Lm1231.07). Dan l-ammont jinkludi s-somma li nefaq l-attur biex jikri karozza sakhemm il-vettura tieghu kienet qed tissewwa;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok jilqa t-talbiet attrici u tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli tal-kollizjoni in kwestjoni; tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat ta' dan l-incident fis-somma komplessiva ta' elf mitejn u wiehed u tletin liri maltin u seba centezmi (Lm1231.07) u konsegwentement tikkundana l-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' Lm1231.07 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.